# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Gunju, 2018.**

**Rikors Numru 166/2018**

**Shirley Thomas**
**(K.I. 575879 M)**

**vs.**

**Therron Aquilina**
**(K.I. 129189 M)**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 ta' Frar, 2018, (ara foll 1);

2. Rat id-digriet taghha datat it-28 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 21);

3. Tirreferi ghan-notifika tal-intimat bir-rikors *de quo* u bl-avviz ghas-smigh datata l-21 ta' Marzu, 2018, (ara foll 8);

4. Rat il-verbal datat iz-19 t'April, 2018, li permezz tieghu gie stabbilit li l-intimat kien fi stat ta' kontumacja, (ara foll 11);

5. Rat ukoll il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimat datat iz-19 t'April, 2018, li permezz tieghu informa lill-qorti li t-trasferiment tal-vettura mertu tal-kawza kien gie effettwat u li ghalhekk il-mertu gie ezawrit;

6. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat it-23 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu informa lill-qorti li l-provedura odjerna hi issa limitata ghall-kap tal-ispejjez, (ara foll 13);

7. Rat l-istess verbal indikat fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu awtorizzat lill-intimat biex, jekk jidhirlu li hekk ghandu jaghmel, jissottometti bil-miktub ir-ragunijiet tieghu skont il-ligi sad-data hemm indikata;

8. Rat li l-perjodu hekk koncess lill-intimat ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

9. Illi l-procedura odjerna tirrigwarda bejgh ta' vettura fejn l-intimat obbliga ruhhu li jaghmel it-trasferiment necessarju fi zmien stipulat bejn il-partijiet;

10. Illi meta skada t-terminu pattwit ir-rikorrenti irrikorriet ghall-procedura odjerna;

11. Illi jirrizulta li eventwalment it-trasferiment in kwistjoni kien gie effettwat, (ara foll 11);

Ikkunsidrat:

12. Illi in vista tal-premess il-procedura odjerna hi issa limitata ghall-decizjoni rigwardanti l-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi r-rikorrenti kienet kostretta tintavola l-procedura odjerna minhabba l-fatt li l-intimat naqas li jottempora ruhhu mal-obbligu minnu assunt li jeffettwa t-trasferiment *de quo*;

13.2. Illi jirrizulta li effettivament ghamel dak hekk minnu pattwit fil-mori tal-kawza;

13.3. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti kienet kostretta tintavola l-procedura odjerna minhabba l-fatt li l-intimat ma mexiex mal-obbligu minnu assunt, u li meta mexa f'dan ir-rigward, kien tard wisq;

13.4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandiex tigi akkollata bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti m'ghandiex tigi akkollata bl-ispejjez ta' din il-procedura, u konsegwentement:

**DECIDE:**

14.1. Tiddikjara li l-intimat hu responsabbli ghall-akkadut;

14.2. Tiddikjara ghalhekk li l-ispejjez jigu supportati mill-intimat Therron Aquilina.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**